MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 1499/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Emanuel Spiteri (K.I. 11269M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socejta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ elf u hamsa u disghin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1095.82) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta’ telekommunikazzjoni bl-akkont numru AC40084622, skont diversi kontijiet mibghuta lilu u skont kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba mmarkati IZY 1 u 2.

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, izda il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-24 ta' Jannar, 2011 mill-Avukat Ingrid Zammit Young.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------